# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 9**
**Rikors Numru : 135/2016/LSO**

**Olive Gardens Investments Limited**

**vs**

**Carmelo Mangion u C & M Contractors Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-kumpanija Olive Gardens Investments Limited fit-22 ta' Frar 2016 fejn talab li l-intimati jigu sgumbrati mill-immobbli hemm deskritt stante li qed jokkupawh minghajr titlu, u dan fit-termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Marzu 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Simiana ghas-socjeta` attrici. Deher l-intimat Carmel Mangion, li f'ismu proprju u f'isem is-socjeta` intimata ammetta t-talbiet, izda talab zmien sal-ahhar tal-Lulju 2016 biex jivvaka mill-fond in mertu u jikkonsenjah bil-pussess vakanti lis-socjeta` attrici.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

## <u>II. KONKLUZZJONI.</u>

Il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-intimati jizgumbraw mill-garaxx bin-numru sitta u ghoxrin (26) fil-livell sotterran u sottostanti ghall-blokk ta' bini maghruf bhala "La Fayette Residential Complex", liema blokk ta' bini jikkonfina kemm ma' Vjal il-Hamsa u Ghoxrin (25) ta' Novembru u kemm ma' Sqaq Sant' Anglu, fiz-Zejtun, u dan sa mhux aktar tard mill-31 ta'

Lulju 2016 bil-konsenja tal-pussess vakanti tal-istess garaxx lis-socjeta` attrici.

L-ispejjez gudizzjarji huma a karigu tal-intimati *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**